**LEĦEN IL-PARROĊĊA**
**TAL-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA**
**BURMARRAD**

*Ġunju 2016* *Nru: 396*

# Kollox f'qalbha!



Matul dan ix-xahar li fih niċċelebraw il-festa tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija nisimgħu kemm-il darba s-silta tal-Vanġelu li tgħid li: " omm Ġesù kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha" (Lq 2, 51).

Bħal Marija aħna wkoll irridu nkunu l-komunità nisranija li tixxennaq u tiġġennen biex tisma' lil Ġesù! Meta nisimgħu l-Kelma tiegħu niskopru aktar is-sbuħija ta' ħajjitna stess u tad-dinja ta' madwarna u nitgħallmu nwasslu din is-sbuħija lil ħutna. Hekk insiru xhieda tal-imħabba ta' Alla lejn dawk li hu stess ħalaq.

Jalla l-kliem u ċ-ċelebrazzjonijiet ta' dan ix-xahar ngħożżuhom f'qalbna biex inħalluhom jiġbduna lejn il-ħajja vera.

*P.Christian Anthony Borg OFM Conv.*
*Kappillan*

**Issa tista' taqra r-rivista Flimkien online:**
*https://issuu.com/spieldeg/docs/0616_flimkien___unju*

☎ 21573045 / 77622275 parrocca.burmarrad@maltadiocese.org
www.parroċċaburmarrad.com Il-Parroċċa ta' Burmarrad

## Il-Familja tagħna



Matul ix-xahar ta' Mejju għaxart itfal irċevew is-sagrament tat-Tqarbin għall-ewwel darba. Dawn huma: Lauren Agius, Denzel Bonnici, Mariah Camilleri. Jake Grima, Milà Grima Pulo, Martha Pisani, Miryana Sammut. Kyran Lee Spiteri, Maria Vella u Timothy Zarb.

## Fjuri

Min jixtieq jagħmel bukkett fjuri fil-Knisja għall-jiem tal-Festa għandu jħalli ismu fis-sagristija mill-aktar fis.



## Għajnuna lill-Parroċċa

Ma' din il-ħarġa tal-fuljett qegħdin tirċievu *envelope* li fih qegħdin nitolbukom tibgħatu għajnuna finanzjarja skont ma tistgħu biex intaffu xi ftit mill-ispejjeż li l-parroċċa tagħmel fil-jiem tal-Festa. Dawn imorru għall-armar u d-dawl fil-Knisja, għall-predikaturi u korijiet, għax-xemgħat u ż-żejt u ħwejjeġ oħra. Perċentwal minn dak li tagħtu f'dawn l-envelopes jintuża bħala għajnuna lill-familji fil-bżonn tal-parroċċa tagħna.

Nirringrazzjawkom minn issa tal-għajnuna tagħkom.



## Kalendarju – Ġunju 2016

**3** Festa tal-Qalb ta' Ġesù.
Fis-7pm issir l-aħħar laqgħa għall-ġenituri u l-parrini tat-tfal tal-Griżma fiċ-Ċentru.

**4** Jum il-Festa Liturġika tal-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Fis-7pm issir quddiesa Solenni li titmexxa mill-Kan. Dun John Muscat Kappillan tal-Fontana.

**11** Quddiesa mmexxija minn Mons. Arċisqof Charles Scicluna li fiha jkun amministrat is-Sagrament tal-Konfermazzjoni fis-7pm.

**18** *Festa Familja* fuq iz-zuntier mit-8pm 'il quddiem.

**19** *Ftuħ tal-Festa*: Fis-6.30pm Rużarju mmeditat u fis-7pm Quddiesa li fiha jingħata l-mandat lil-letturi u ssir il-vestizzjoni tal-abbatini ġodda li jwiegħdu u jġeddu l-impenn tagħhom. Waqt il-quddiesa tinħareġ l-istatwa minn niċċa u titqiegħed taħt il-mant.

**20** Fid-9.30am Quddiesa għall-anzjani tal-parroċċa mmexxija minn P. Antoine Apap OFM Conv., fis-6.30pm Rużarju u Kurunella, fis-7.00pm Quddiesa għat-tfal immexxija minn P. Andrew Galea OFM Conv., u tkun animata mill-istudenti Franġiskani Konventwali.

**21** Fis-6.30pm Rużarju u Kurunella, fis-7.00pm Quddiesa għall-miżżewġin u l-koppji mmexxija minn Dun Brendan Mark Gatt. Jieħdu sehem b'mod speċjali dawk li qed jiċċelebraw xi anniversarju partikolari ta' żwieġ u dawk li qed iħejju għaż-żwieġ.

**22-24** *Tridu bi tħejjija għall-Festa*: fis-6.30pm Rużarju, fis-7.00pm Quddiesa bl-omelija mmexxija minn Dun Luke Cutajar. Wara l-quddiesa u kant tal-antifona u tingħata l-barka.

**25** *Lejlet il-Festa*: Fis-5.45pm Transulazzjoni Solenni li titlaq mill-knisja għaċ-Ċentru Parrokkjali u lura, Għasar Solenni u Quddiesa mmexxija mill-W.R.P. Ġorġ Zammit OFM Conv., Ministru Provinċjal.

**26** *Jum il-Festa*:
Fil-5.30am – Rużarju
Fis-6.00am – Quddiesa letta
Fit-8.45am –Tifħir ta' Sbieħ il-Jum
Fid-9.00am – Quddiesa Solenni
Fil-11.15am – Quddiesa letta
Fis-6.00pm – Għasar Solenni
Fis-6.30pm – Quddiesa kantata
Fis-7.30pm – Ħruġ tal-Purċissjoni bl-Istatwa Titulari tal-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Il-purċissjoni tgħaddi minn Triq Burmarrad, Triq San Pawl Milqi, Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Triq il-Magħsar u Triq Burmarrad. Hekk kif l-istatwa tasal fuq iz-zuntier tal-knisja, tingħad il-kurunella u titkanta l-Ave Marija mis-Soprana Pauline Vella.
Fl-10.15pm – Dħul tal-istatwa bil-kant tal-antifona u Barka Sagramentali.

-------------------------

Nirringrazzjaw lil dawk kollha
li matul is-sena kollha
jaħdmu għall-ġid tal-parroċċa
u biex ikunu organizzati l-festi b'mod dinjituż.

**Nawguraw il-Festa t-Tajba lill-parruċċani kollha!**